KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Numru 24** **It- Tlieta 24 ta' Frar 2026**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:00pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi Sindku
Anthony Agius Decelis – Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis-19:16pm)
Chris Grech – Kunsillier
Thomas De Martino – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier
Chantelle Portelli- Kunsillier

**ASSENTI b' APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier

**ASSENTI:**
Andre Buhagiar- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Segretarju Eżekuttiv

**MISTEDNIN:**
Richmond Foundation
Daniel Galea - Accountant

**Minuti**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

**24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Il-Kunsillier Bayliss informat lill-Kunsill li ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa minħabba ċirkustanzi personali. Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament l-ittra tagħha sabiex tkun uffiċjalment skużata mill-parteċipazzjoni f'din is-seduta.

Fl-18:09, is-Sindku ppropona li ssir sospensjoni tal-laqgħa sabiex ikun hemm spazju għall-Komunikazzjoni u l-Preżentazzjoni mir-Richmond Foundation. Din is-sospensjoni kienet meħtieġa biex il-preżentazzjoni tkun tista' titwettaq b'mod ordnat u mingħajr interruzzjonijiet.

**24.3.1 Richmond Foundation**

Il- perit tar- Richmond Foundation preżentat proġett li jikkonċerna l-iżvilupp ta' ċentru modern għall-benesseri u s-saħħa mentali fil-Mosta, li jiffoka fuq servizzi ta' taħriġ u appoġġ psikoloġiku relatati mal-Centre for Wellbeing, u li ġie ppreżentat mir-Richmond Foundation waqt laqgħa tal-kunsill mal-kunsillieri preżenti sabiex ikollhom informazzjoni ċara dwar l-inizjattiva; il-bini, li se jkun mibni b'ġebla rikostitwita u materjali sostenibbli fuq sit bejn Triq Ġio Maria Camilleri, Triq Dun Ġwann Debono u Triq Dun Ġakbu Chetcuti, mhux se jinkludi residenza permanenti u se jkun użat biss għal żjarat u servizzi professjonali, b'faċċati miftuħa u veduti lejn spazju aħdar biex jinħoloq ambjent terapewtiku; il-proġett jinkludi parkeġġ fuq tliet sulari għall-impjegati u l-viżitaturi, li filgħaxija jkun disponibbli wkoll għar-residenti bi ħlas minimu, u huwa ppjanat li jitlesta sal-2029.

**24.5.1 Budget 2026**

L-Accountant tal-Kunsill, Daniel Galea, spjega li hemm allokazzjoni ta' 1.4 miljun ewro u dħul ta' 50,000 ewro, flimkien ma' 135,000 ewro f'permessi u 65,000 ewro f'dħul ieħor, li jagħmlu total ta' madwar 1.6 miljun ewro; huwa nnota li hemm nuqqas fl-infiq fuq street lighting minħabba l-iskema tal-AKL mal-Enemalta, filwaqt li għall-2026 id-dħul u l-ħruġ huma mistennija jkunu kważi l-istess u għalhekk ikun hemm surplus żgħir ta' madwar elf ewro, filwaqt li d-dejn eżistenti jibqa' madwar 850,000 ewro sal-aħħar tal-2026. Il-Viċi Sindku enfasizza l-ħtieġa li l-kunsill ikompli jinsisti biex jiġi indirizzat id-dejn mas-Segretarju Parlamentari u l- Ministru, u ġie mfakkar ukoll li l-allokazzjoni ta' 80,000 ewro għall-Parks and Gardens kienet ġiet stabbilita fl-2015; il-baġit ġie approvat, iżda għadu pendenti għal reviżjonijiet sakemm jinħareġ it-tender.

**24.2 Kunsiderazzjoni tal- Minuti numru 23**

**24.2.1 Korrezzjonijiet tal-Minuti numru 23**

Ma ġew ippreżentati ebda korrezzjonijiet fir-rigward tal-Minuti nru 23. Għaldaqstant, il-Minuti ġew approvati unanimament (nem. con.).

**24.2.2 Aġġornamenti mill minuti numru 23**

23.5.2 **Approval - Evaluation Report KLMT 03-2025 Upkeep and Maintenance of Pavements and ancillary works**

Il-Kunsill ġie infurmat li l-kuntratt relatat mas-servizz in kwistjoni ser jiġi ffirmat fil-jiem li ġejjin, peress li ma waslet l-ebda oġġezzjoni jew kontestazzjoni permezz tas-sistema tal-EPPS. Ġie wkoll irrappurtat li d-dokumenti kollha meħtieġa tella' fuq il-gazzetti tal-EPPS, u b'hekk il-proċess jista' jkompli skont il-proċeduri stabbiliti.

**24.3Komunikazzjoni/Korrispondenza mis- Sindku**

**24.3.1 Toroq – Infrastructure Malta**

Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill issottometta għaxar applikazzjonijiet lil Infrastructure Malta sabiex jiġu inklużi fil-programm ta' manutenzjoni u r-rikostruzzjoni tat-toroq. It-toroq proposti jinkludu: Triq l-Isperanza / Triq il-Kurat Bezzina, Triq Nicolò Isouard, Triq il-Pont / Carmelo Dimech, Triq ir-Rebbiegħa / Triq it-Torri, Triq San Anton Abbati / Triq Sant'Anna, Triq il-Għażel, Triq it-Trincetta, Triq l-Inkurunazzjoni / Ġużeppi Mitrovich, Triq il-Leġġenda, u Triq it-Torri / Triq il-Qasira. Dawn ġew identifikati bħala prijorità minħabba l-kundizzjoni tagħhom u l-ħtieġa ta' intervent strutturali.

**24.3.2 Public works – xogholjiet fit toroq**

Il-Kunsill ġie infurmat li Public Works inkluda mill-ġdid fil-pjan ta' xogħlijiet tiegħu t-toroq Triq Charles J. Vassalli, Triq Bufula l-Ħamra, u Triq Dun Mikiel Scerri, li għal snin twal kienu tneħħew mill-programmi ta' manutenzjoni. Dawn issa reġgħu ġew prijoritizzati sabiex isir l-intervent meħtieġ.

**24.3.3 Fuljett tal-Kunsill**

Is-Sindku ppropona li jinħareġ fuljett ta' ftit paġni li jinqasam mar-residenti Mostin bħala mezz ta' aġġornament dwar il-proġetti u l-ħidma tal-Kunsill. Il-fuljett se jinkludi messaġġ mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u mill-Minority Leader, u se jkun miktub b'kollaborazzjoni ma' Frans Deguara. Il-pubblikazzjoni hija ppjanata biex titqassam qabel l-Għid il- Kbir.

**24.3.4 Talba ta' "work from home"**

L-impjegata Sja. Camilleri ressqet talba biex tkun tista' taħdem mid-dar, ħlief f'każijiet fejn ikun hemm bżonn preżenza fiżika. Il-Kunsill qabel unanimament li l-arranġament jista' jiġi approvat.

**24.3.5 Leave Kulturali**

L-impjegata Ebejer talbet erbat ijiem leave kulturali f'Settembru, skont il-Ftehim Kollettiv. Il-Kunsill approva unanimament it-talba.

**24.3.6 Email Ragusa - Viċi Sindku**

Il-Viċi Sindku informa li ser tintbagħat komunikazzjoni uffiċjali sabiex jerġa' jitqajjem ir-relazzjoni ta' ġemellaġġ ma' Ragusa. Barra minn hekk, ser tintbagħat email biex tiġi organizzata żjara kulturali f'Ragusa, iffinanzjata mill-fondi tar-Reġjun Kulturali li għad fadal fihom madwar €20,000, bil-għan li delegazzjoni tattendi l-festa lokali ta' Ragusa.

**24.3.7 Kameras ta' Sorveljenza – Reġjun Tramuntana**

Is-Sindku ppropona li jiġu installati kameras ta' sorveljenza f'diversi punti strateġiċi fil-lokalità, fosthom ħdejn il-Maypole, fi Pjazza Torri, ħdejn il-ground, f'Pjazza Lord Nelson u fi Triq Nicolò Isouard, bħala miżura biex titjieb is-sigurtà pubblika u l-monitoraġġ fiż-żoni l-aktar frekwentati. Il-Kunsilleri qablu nem. con.

**24.3.8 Permessi waqt żmien il-Għid**

Il-Viċi Sindku ppropona li mill-festa tad-Duluri sal-Ġimgħa l-Kbira il-parkeġġ tal-Mosta jkun allokat esklussivament għall-għaqdiet Mostin, u li wara l-Għid jerġa' jkun miftuħ għan-normal. Huwa spjega li l-għaqdiet għandhom jiġu mħeġġa jarmaw b'ikel tradizzjonali marbut maż-żmien tal-Għid, filwaqt li jiġu evitati l-abbużi li seħħew fil-passat, fejn kien hemm min okkupa spazju akbar milli suppost. Il-prinċipju ewlieni hu li kull VO Mostija li tapplika tingħata post, iżda taħt kundizzjoni ċara li l-għaqda trid tkun preżenti hi stess fuq il-post u ma tistax tgħaddih lil

ħaddieħor. Din ir-regola tapplika biss għall-użu tal-parkeġġ. Postijiet oħra, bħal fuq il-bankini, jistgħu jinkrew permezz ta' polza kif isir is-soltu, u dawn jistgħu jingħataw ukoll lil negozji. Il-kunsillieri kollha qablu unanimament mal-proposta.

**24.4Tweġibiet għall- Mistoqsijiet tal- Kunsillieri**

**24.4.1 Kunsillier Schembri – Għeluq tal-Pjazza**

Il-Kunsillier Schembri informa lill-membri li, waqt mistoqsija parlamentari (PQ 33179), tressaq l-ispiża relatata mal-għeluq tal-Pjazza tal-Mosta nhar ta' Ġimgħa u nhar ta' Sibt, li tammonta għal €36,348. Huwa spjega li dan l-arranġament qed jitwettaq minn Transport Malta, minkejja li l-Kunsill Lokali kien esprima l-oppożizzjoni tiegħu għal din il-miżura. Schembri tenna li l-għeluq tal-pjazza qed isir kontra r-rieda tal-Kunsill.

**24.4.2 Kunsillier Bonnici – Mixja ta Puttinu**

Il-Kunsillier Bonnici pproponiet li, għall-okkażjoni tal-Mixja ta' Puttinu, il-Kunsill jipprovdi coach mill- Marfel biex jiffaċilita t-trasport tal-parteċipanti, kif ukoll żewġ mobile toilets sabiex jiġu żgurati l-indafa u l-konvenjenza matul l-attività bħas- soltu. Il-proposta ġiet approvata unanimament mill-kunsillieri preżenti.

**24.5 Rapporti**

**24.5.2 Rikjesti għal-devoluzzjonijiet**

Il-Kunsill approva li tiġi sottomessa talba formali lid-Direttorat tal-Gvern Lokali kif ukoll mal-Awtorita tal- Artijiet sabiex il-Kunsill jingħata d-devoluzzjoni ta' biċċa art f'Triq il-Farinal u f'Tal-Milord. Barra minn hekk, il-Kunsill qed jitlob id-devoluzzjoni ta' diversi xelters madwar il-Mosta, fosthom dawk li jinsabu fi Triq Mattew Callus, Triq it-Torri u Triq il-Kostituzzjoni.

Din it-talba ma tħallix impatt finanzjarju fuq il-Kunsill, peress li l-proċess ma jinvolvix spejjeż. L-għan ewlieni huwa li dawn l-ispazji jkunu jistgħu jintużaw b'mod effettiv minn għaqdiet Mostin kif ukoll mill-komunità Mostija b'mod ġenerali, sabiex jissaħħaħ l-użu komunitarju u soċjali ta' dawn il-postijiet.

**24.5.3 Aġġornamenti tat- Tenders**

L-aġġornament dwar it-tenders huma li t-tender għall-ġardinaġġ diġà ġie ppubblikat u d-deadline għall-sottomissjoni tal-offerti hija stabbilita għas-16 ta' Marzu 2026. Il-Kunsill ġie infurmat li dan il-proċess qed jimxi skont il- proċeduri stabbiliti u li l-passi amministrattivi kollha relatati qed jiġu segwiti kif suppost. Aġġornament ieħor jingħata fil- laqgħa li jmiss.

**24.5.4 Rapport tal-Bord tal-intervisti – Sejħa Skala 10**

Il-Kunsill ġie infurmat dwar ir-rapport tal-Bord tal-Intervisti relatat mas-sejħa għas-suġġett in kwistjoni. Ir-rapport jikkonferma li l-kandidat li ġie kklassifikat fl-ewwel post għandu jiġi msejjaħ sabiex jibda l-proċess ta' impjieg. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jikkuntattja lil din il-persuna u,

parallelament, jinforma wkoll lill-applikanti l-oħra dwar l-esitu tas-sejħa. Il-Kunsill approva unanimament ir-rapport tal-Bord u awtorizza l-passi amministrattivi meħtieġa biex il-proċess jimxi 'l quddiem. Aġġornament ieħor jingħata fil- laqgħa li jmiss.

**24.5.5 Rapport tal- Bord tat- Traffiku – Triq il- Ġnejna**

Wara li ġiet diskussa proposta minn resident fuq Triq il- Ġnejna, u kienet proposta liż- żona ssir pedestrian, il-Kunsill ma qabilx li din il-miżura tiġi adottata, peress li tali deċiżjoni setgħet taffettwa b'mod sinifikanti l-aċċess għall-parkeġġ fil-żona u toħloq preċedent li potenzjalment iwassal għal talbiet simili f'toroq oħra tal-lokalità. Il-kunsillieri kkonkludew li, f'dan l-istadju, ma hemmx ġustifikazzjoni biżżejjed biex tiġi introdotta restrizzjoni ta' dan it-tip.

**24.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni**

**24.6.1 Skeda ta' Pagamenti**

L-iskeda ta' Pagamenti numru 170 kienet approvata mill-Kunsillieri preżenti nem. con.

**24.6.2 Purchase orders**

Il-lista ta' purchase orders kienet approvata mill-Kunsillieri preżenti nem. con.

**24.6.3 Works orders**

Il-lista ta' Works orders kienet approvata mill-Kunsillieri preżenti nem. con.

**24.6.4 Petty Cash**

Ir-rendikont preżentant tal- Petty Cash kien approvat mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

**24.7 Tmiem tal- Laqgħa u data tas- seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fit-8:28pm, u kien maqbul illi l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill, jiġifieri Laqgħa Numru 25, se ssir nhar it-Tlieta, 24 ta' Marzu 2026, u l-laqgħa numru 25, fit- 28 t' April 2026.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| **Joseph Gatt** | **Jeremy Bartolo** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |